MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX)
# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)
# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT
## JOANNE VELLA CUSCHIERI

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 55/2007/1

**Agnes Farrugia**

**Vs**

**Emanuel sive Noel Buttigieg; Dorothy Buttigieg; l-Avukat Dottor Philip Manduca bhala mandatarju tal-imsiefra Deborah Vella u b'digriet tat-tletin ta' Ottubru elfejn u sebgha l-Avukat Dottor Monica Vella giet awtorizzata tassumi l-atti f'isem l-assenti Deborah Vella minflok il-mandatarju Dottor Philip Manduca; l-Avukat Dottor Kevin Mompalao b'digriet tat-tnejn ta' Marzu elfejn u sebgha gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-imsiefra Georgia Vella mart**

**Nicholas Vella u b'nota tas-7 ta' Lulju elfejn u tmienja Dr Georgine Grech assumiet ir-rapprezentanza tal-konvenuta l-imsiefra Georgia Vella u b'digriet tas-sebgha u ghoxrin ta' Ottubru elfejn u disgha l-kunjom Grech gie sostitwit bil-kunjom Schembri u b'digriet tal-wiehed u ghoxrin ta' Novembru elfejn u sebgha l-Avukat Dottor Kevin Mompalao gie nominat kuratur deputat biex jirraprezenta l-eredita' ta' Francesco Buhagiar.**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat fejn l-attrici ppremettiet:-

Illi missier ir-rikorrenti, Francesco Buhagiar miet fil-11 ta' Ottubru 2005, u rregola l-wirt tieghu b'zewg testmenti li saru wiehed fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tad-disgha (9) ta' Marzu elfejn u hamsa (2005) u iehor fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Lulju elfejn u hamsa (2005);

Illi bit-testment tieghu li sar fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tad-disgha (9) ta' Marzu elfejn u hamsa (2005), id-*decujus* kien halla b'titolu ta' prelegat lir-rikorrenti l-fond residenza tat-testatur, numru mitejn u tnejn (202), u tliet bibien ohra bla numru, fi Sqaq Ta' Fuq il-Lunzjata (gia Triq tal-Ghajn), Fontana, Ghawdex, bl-art mieghu annessa;

Illi f'dan il-prelegat imholli lir-rikorrenti, it-testatur iddikjara li huwa jaf li dan l-immobbli mholli bi prelegat ma jappartjenix lilu fl-intier izda kien jappartjeni wkoll in parti lill-assi tal-mejta martu Carmela Buhagiar, izda ried u ordna li l-prelegat ghandu jigi percepit fl-intier tieghu mir-rikorrenti, u hallihulha bi tpattija, rikonoxximent, u hlas ta' diversi servigi, kuri, u assistenzi li l-istess rikorrenti rrendiet lit-testatur u lil

martu Carmela, u lil binhom iehor Anthony Buhagiar, illum mejjet, li kien mentalment inkapacitat, ghal hafna snin u li baqghet tirrendilhom sa mewthom;

Peress illi l-konvenuti bhala eredi tal-mejjet Francesco Buhagiar minkejja li gew debitament interpellati diversi drabi mir-rikorrenti biex jersqu u jimmettu lill-istess rikorrenti fil-pussess ta' dan il-legat, huma baqghu nadempjenti;

Talbet li din il-Qorti:

1. Tordna lill-konvenuti jimmettu lir-rikorrenti fil-pussess tal-legat lilha mholli tal-fond numru mitejn u tnejn (202), u tliet bibien ohra bla numru, fi Sqaq Ta' Fuq il-Lunzjata (gia Triq tal-Ghajn), Fontana, Ghawdex, bl-art mieghu annessa;

2. Tiffissa d-data, hin, u lok, u tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv ta' immissjoni fil-pussess tal-legat imholli lir-rikorrenti, u tinnomina kuratur sabiex jidher ghall-eventwali kontumacja tal-konvenuti jew ta' xi hadd minnhom fuq il-kuntratt.

Bl-ispejjez inkluzi dik tal-ittra ufficjlai tas-6 ta' Frar 2007, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma mharrkin.

B'rizerva ghal kull azzjoni ghad-danni kontra l-konvenuti jew min minnhom minhabba, *inter alia,* dan id-dewmien fl-immissjoni tal-pussess ta' dan il-legat imholli mill-mejjet Francesco Buhagiar.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuratur deputat Dottor Kevin Mompalao hekk nominat b'digriet tat-tnejn (2) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgha (2007) sabiex jirraprezenta lill-konvenuta Georgia Vella li kkonferma:-

1. Illi l-esponenti jiddikjara illi huwa ma huwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jirriserva illi jipproduci risposta ulterjuri wara illi jirnexxielu jikkomunika mar-rapprezentata tieghu Georgia Vella.

2. Illi din ir-risposta qed issir u qed tigi kkonfermata bil-gurament mill-Avukat Dr. Kevin Mompalao li ghandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti imsemmija.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Emanuel sive Noel Buttigieg, Dorothy Buttigieg, kif ukoll ta' Dr. Monica Vella bhala mandatarja ta' l-imsiefra Deborah Vella li eccepew:

1. Illi preliminarjament fl-ewwel lok jigi precizat illi l-premessi ta' dan ir-rikors ma jistghux iservu bhala fundament ta' l-azzjoni ntentata min l-attrici. Dan ghaliex wiehed min l-eredi ta' Francesco Buhagiar cioe' Anthony Buhagiar huwa mejjet ghaldaqstant il-premessi kellhom jindikaw il-mewt ta' dan il-persuna flimkien ma' min huma l-persuni eredi tieghu.

2. Illi fil-fatt fit-tieni lok ukoll fuq linja preliminari, l-esponenti jecepixxu illi qabel tissokta din il-kawza trid tigi pruvata ukoll id-denunzja tas-successjoni ta' Anthony Buhagiar.

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-eccepjenti jispjegaw illi l-fond numru mitejn u tnejn (202), Sqaq ta' fuq il-Lunzjata, Fontana Ghawdex, bl-art annessa mieghu msemmi fir-rikors guramentat, kien jifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn id-decius Francesco Buhagiar u martu Carmela Buhagiar. Illi l-eccepjenti ghadhom indecizi dwar l-accettazzjoni o

meno ta' l-eredita ta' Francesco Buhagiar jew jekk jaghzlux li jiehdu l-legittima skont il-ligi mill-wirt ta' Francesco Buhagiar. Min-naha l-ohra huma ma jridux jonoraw il-legat ta' hwejjeg haddiehor imholli minn Francesco Buhagiar fuq in-nofs indiviz tal-fond imsemmi tal-fond imsemmi li tieghu huma ko-propjetarji bhala eredi ta' Carmela Buhagiar.

4. Illi din ir-risposta qed issir u qed tigi konfermata bil-gurament mill-konvenuta Dorothy Buttigieg li ghandha konnoxxenza vera u propja tal-fatti ecceppiti.

Ghaldaqstant dan ir-rikors ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-attrici.

Salvi eccezzjoni ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-avukat Dottor Kevin Mompalao li b'digriet tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru elfejn u sebgha (2007) gie mahtur kuratur u deputat sabiex jirraprezenta l-eredita' ta' Francesco Buhagiar li kkonferma:

1. Illi l-esponenti fil-kwalita' tieghu ta' kuratur m'huwiex edott ghall-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jirrimetti ruhu ghall-provi migbura.

2. Illi dwar l-immissjoni fil-pussess tal-legat ta' hwejjeg haddiehor huwa ma huwiex f'pozizzjoni sabiex jghid jekk dan il-legat jistax jigi onorat jew le.

3. Illi fi kwalunkwe kaz, ikun x'ikun l-ezitu ta' dawn il-proceduri, l-ispejjez u drittijiet tal-kuratur deputat ghandhom jigu sapportati anke provizzorjament mill-atturi.

4. Illi l-esponenti jirriserva li jwiegeb ulterjorment wara illi jigu a konoxxenza tieghu l-fatti proprja li wasslu ghal dan ir-rikors.

5. Illi din ir-risposta qed tigi kkonfermata bil-gurament mill-kuratur deputat l-Avukat Dottor Kevin Mompalao li ghandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti kontenuti f'din ir-risposta.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat illi l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Emanuel sive Noel Buttigieg u Dorothy Buttigieg gew michuda permezz ta' decizjoni in parte datata 4 ta' April, 2008 izda l-ispejjez dwar l-istess thallew ghall-gudizzju finali;

Rat il-provi u l-atti kollha;

Rat illi fil-mori tal-kawza l-intimati kollha kif ukoll ir-rikorrenti rrinzunjaw ghall-eredita' ta' Francesco Buhagiar (fol 77, fol 78, 171, 207);

Rat illi wkoll fil-mori tal-kawza giet prezentata l-kawza bejn l-istess partijiet bin-numru 10/2008 u li permezz tad-decizjoni in parte datata 4 ta' April, 2008 din il-Qorti diversament preseduta ordnat il-konnessjoni tal-kawza odjerna ma' dik il-kawza;

Rat illi l-kawza bin-numru 10/2008 fl-ismijiet giet deciza minn din il-Qorti diversament preseduta nhar is-16 ta' Mejju, 2014 u li kopja ta' din id-decizjoni tinsab esebita fl-atti odjerni a fol. 172 et seq tal-process;

Rat illi fil-verbal tat-28 ta' Jannar, 2015 Dr. Mario Scerri ghan-nom tal-attrici ddikjara kif isegwi:

'li fid-dawl tas-sentenza esebita a fol. 172 id-domandi attrici llum saru superfluwi u ghaldaqstant ma baqax skop li l-attrici tinsisti dwarhom ladarba l-fond li gie legalat lilha din il-qorti kienet ordnat li jinbiegh bis-subbasta fil-kawza li ghaliha qed issir referenza.

Ghaldaqstant l-attrici qed iccedi l-istess domandi fil-mertu u zzomm ferm il-kap ta' l-ispejjez stante l-fatt li din il-kawza kienet saret qabel ma giet intavolta l-kawza l-ohra u fi zmien li l-konvenuti odjerni kienu ghadhom ma rrinunzjawx ghall-eredita' ta' Francesco Buhagiar. L-attrici pero' qed izzomm ferm il-pretensjoniet taghha li hija baqalha dritt bhala legatarja tal-fond li tippercepixxi r-rikavat nett mill-bejgh tal-fond li gie subbastat u dan wara li jitnaqqsu d-djun kollha tal-wirt ta' Francesco Buhagiar u tkun thallset it-taxxa fuq il-qliegh kapitali fuq il-bejgh ta' l-istess fond.'

Rat illi fil-verbal tal-10 ta' April, 2015 gie dikjarat kif isegwi:

'Dr. Mario Scerri jiddikjara li fid-dawl tas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta esebita in atti bejn l-istess partijiet datata 16 ta' Mejju 2014 bin-numru 10/2008, ma baqa' ebda skop li jinsisti ghat-talbiet tieghu dwar l-immissjoni fil-pussess u f'dan is-sens qed icedi l-istess talbiet b'dan illi qed izomm ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Il-partijiet kollha jaqblu li tinghata sentenza unikament dwar l-ispejjez.'

Semghet is-sottomissjonijiet tal-legali tal-partijiet fis-seduta tal-5 ta' Mejju, 2015 fejn fl-istess seduta l-kawza giet differita ghad-decizjoni fuq il-kap tal-ispejjez ghal-lum.

**Ikkunsidrat**

Illi l-fatti fil-qosor huma illi misser ir-rikorrenti Francesco Buhagiar gie nieqes nhar il-11 ta' Ottubru 2005. Il-wirt tieghu gie rregolat b'zewg testmenti datati 9 ta' Marzu 2005 u 28 ta' Lulju 2005. Tramite t-testment tad-9 ta' Marzu 2005 id-*decujus* halla lir-rikorrenti b'titolu ta' prelegat il-fond residenza numru 202 u tliet bibien ohra bla numru, fi Sqaq ta' Lunzjata, Fontana, Ghawdex. Jirrizulta li l-mejjet kellu biss nofs il-proprjeta' msemmija filwaqt li kwart minn din il-proprjeta' gia kienet tar-rikorrenti bhala wirt minghand ommha Carmela Buhagiar filwaqt li l-kwart rimanenti ntirtet mill-intimati minghand l-istess Carmela Buhagiar. Irrizulta ghalhekk li parti mil-legat mholli lir-rikrorenti minn Francesco Buhagiar kien *legato di cosa altrui* u dan gie legalment rikonoxxut mit-testatur fl-istess testment. Sa minn Jannar 2006 (fol 42, 43, 44 u 45) ir-rikorrenti nterpellat bonarjament lill-intimati fil-vesti taghhom ta' eredi ta' Francesco Buhagiar sabiex jimittuwha fil-pussess tal-fond in kwistjoni. Ma giet esebita l-ebda risposta ghall-istess ittri bonarji. Saret ukoll ittra ufficcjali datata 6 ta' Frar 2007 (fol. 46) fejn ghal darb'ohra l-intimati gew interpellati sabiex jimittu lir-rikorrenti fil-pussess tal-legat in kwistjoni izda ghal darb'ohra ma giet prezentata l-ebda risposta ghall-intimazzjoni. Din l-ittra ufficcjali kellha mitkub fiha kjarament li jekk l-intimati ma kienux ser jersqu biex issir l-immissjoni fil-pussess fi zmien hmistax-il gurnata allura r-rikorrenti kienet ser tipprosegwi b'kawza fil-Qorti u fil-fatt hekk ghamlet nhar l-14 ta' Mejju 2007. L-ittra ufficcjali giet notifikata bejn it-8 ta' Marzu, 2007 u l-20 ta' Marzu, 2007 (fol. 47). Jirrizulta ghalhekk li r-rikorrenti halliet mhux hmistax-il gurnata jghaddu qabel tintavola l-kawza izda ghamlet dan madwar sitt gimghat wara. Fil-mori ma giet intavolata l-ebda risposta ghall-ittra ufficcjali in kwistjoni.

Wara li giet intavolata l-kawza, fl-eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti, ghall-ewwel darba, qajmu l-possibbilita' li huma ma kienux ser jaccettaw il-wirt ta' Francesco Buhagiar filwaqt li kienu ser jinsistu ghal-legittima. Jirrizulta fil-fatt illi fil-mori tal-kawza kemm l-intimati, kif ukoll ir-rikorrenti rrinzunzjaw ghall-wirt ta' Francesco Buhagiar. Ir-rinunzja ta' Emanuel u Dorothy Buttigieg hija datata 22 ta' Jannar, 2008 (fol. 77), ta' Deborah Vella hija datata wkoll 22 ta' Jannar, 2008 (fol. 78), ta' Giorgia Vella hija datata 26 ta' Novembru 2008 (fol. 171) u tal-istess rikorrenti Agnese Farrugia hija datata 25 ta' Gunju, 2008 (fol. 207).

Jirrizulta wkoll li fil-mori ta' din il-kawza u fl-istess jiem tar-rinunzja ta' Emanuel u Dorothy Buttigieg u Deborah Vella dawn ta' l-ahhar ipprezentaw il-kawza bin-numru 10/2008 fejn talbu d-divizjoni tal-eredita' ta' Maria Carmela Buhagiar filwaqt li talbu l-likwidazzjoni tal-legittima ta' Francesco Buhagiar. Bhala ntimati kien hemm ir-rikorrenti odjerna, l-intimata odjerna Giorgia Vella u l-eredita' giacenti ta' Anthony Buhagiar. Mill-mument li giet intavolata din il-kawza, ir-rikors odjern baqa' jigi differit jistenna l-ezitu tal-istess.

Ir-rikors numru 10/2008 gie deciz nhar is-16 ta' Mejju 2014 kif isegwi:

1.Tillikwida l-gid ta' Maria Carmela u Francesco Buhagiar bhala dawk l-immobbli msemmija fis-sottotitolu 'Divizjoni ta' l-Eredita' ta' Maria Carmela Buhagiar' ta' din is-sentenza ossija:

. (i) Il-fond bin-numru 202, Triq ta' l-Ghajn, Fontana, Ghawdex bi gnien anness;

. (ii) Porzjon art imsejha 'Ta' Gerxija', fil-limiti ta' Victoria, Ghawdex;

. (iii) Porzjon art maghrufa 'Ta' Pinu', fil-limiti 'Ta' Victoria'; Ghawdex;

. (iv) Porzjon art maghrufa 'Ta' Pinu', fil-limiti 'Ta' Victoria', Ghawdex;

. (v) Porzjon art imsejha 'Ta' Ras il-Bajjada' fil-limiti tal-Munxar, Ghawdex .

2.Tiddikjara li l-beni ta' Maria Carmela u Francesco Buhagiar huma nofs kull wiehed tal-proprjeta' fuq imsemmija.

3.Tiddikjara wkoll li Maria Carmela Buhagiar kellha wkoll kont bankarju liema kont ghandu jinqasam skont il-kwoti ndikati.

4. Tiddikjara li dawn il-proprjetajiet ghall-qasma mhumiex kommodament divizibbli u ghalhekk tordna l-bejgh bil-licitazzjoni tal-istess immobbli fuq imsemmija fil-paragrafu numru wiehed (1) taht is-subtitolu 'Decide'. Ghall-fini ta' valutazzjoni tal-immobbli dawn ghandhom jibdew bil-prezz skont l-istejjem indikati fl-istess sentenza. Billi l-qorti tqis li f'dan il-kaz huwa fl-interess ta' kulhadd ghandhom ukoll jigu ammessi oblaturi estranei.

5. Tichad il-hames u sitt eccezzjonijiet stante li rrizulta li l-immobbli mhumiex kommodament divizibbli

6. Tordna li r-rikavat inkwantu ghall-assi ta' Maria Carmela Buhagiar jinqasam fi tliet porzjonijiet li ghandhom jigu assenjati kwantu ghall-kwart indiviz lill-atturi, nofs indiviz lill-konvenuta Agnese Farrugia, kwart indiviz lil Giorgia Vella.

7. Tordna li mir-rikavat inkwantu ghall-assi ta' Francesco Buhagiar fl-ewwel lok Agnese Farrugia ghandha tithallas is-somma ta' €50,000 in linea ta' servigi rezi. Wara li jinqata' dan l-ammont ghandu jithallas is-sehem rizervat dovut lill-atturi nkwantu ghal wiehed minn sitta u tletin (1/36) sehem kull wiehed minnhom ossia globalment wiehed minn tnax (1/12) sehem indiviz.

8.Billi hemm il-htiega ghal nomina ta' kuratur ghall-wirt gjacenti ta'

Francesco Buhagiar tordna lir-Registratur ta' din il-Qorti sabiex tali kuratur jkun dak li jmissu skont l-elenku. Fl-eventwalita' li jifdal bilanc il-kuratur deputat ghandu jiddepozitah f'kont bankarju fiss u jipprezenta prova ta' dan fl-atti tal-kawza.

L-ispejjez inkwantu ghall-eredita' ta' Maria Carmela Buhagiar inkluz tal-bejgh bil-licitazzjoni ghandhom jigu sopportati skont l-ishma rispettivi taghhom; inkwantu ghall-eredita' ta' Francesco Buhagiar inkluz il-bejgh bil-licitazzjoni ghandhom jigu sopportati mill-eredita' gjacenti ta' Francesco Buhagiar. Spejjez tal-kuratur skont il-ligi.

Mid-decizjoni suesposta jirrizulta li fil-mument li r-rikorrenti odjerna ntavolat din il-kawza kien ghad hemm bosta pendenzi bejn il-partijiet li evidentement ma kienux qed jiftehmu dwarhom fosthom il-kwantifikazzjoni tas-servigi rezi minnha, id-divizjoni tal-eredita' ta' Maria Carmela Buhagiar li parti mill-proprjeta' kienet appuntu tikkonsisti u soggetta ghal-*legato di cosa altrui* li thalla minn Francesco Buhagiar, jekk kienx jaqbel lill-partijiet li jaccetaw jew le l-eredita' ta' Francesco Buhagiar fic-cirkustanzi tal-*legato di cosa altrui*, il-kwistjoni tal-eredita' giacenti ta' Anthony Buhagiar, il-valutazzjoni tal-immobbli nvoluti u d-divizjoni tal-istess.

In vista ta' dak kollu suespost l-Qorti ma tistax fl-ewwel lok ma tiddeplorax il-fatt li l-intimati ma qajmux l-oggezzjonijiet u d-dubji taghhom almenu f'risposta ghall-interpellazzonijiet tar-rikorrenti b'tali mod li kien ikun hemm il-possibbilita' li jibdew xi tip ta' kommunikazzjonijiet bejniethom bl-ghan li tinstab soluzzjoni. Fit-tieni lok izda l-Qorti, in vista tal-entita' tal-legat in kwistjoni u l-fatt li parti minnu kien *legato di cosa altrui*, il-Qorti wkoll ma tarax kif ir-rikorrenti ma setghetx ipprevediet li kienu ser jinqalghu bosta minn dawn il-kweziti qabel ma hija tigi messa fil-legat in kwistjoni. Tant hu hekk li finalment hija ma gietx imessa fil-pussess tal-fond in kwistjoni izda nghatat somma rapprezentanti s-servigi rezi minnha wara li l-fond gie mibjugh bis-subbasta. Ghalhekk il-Qorti tqis li r-rikorrenti ghagglet wisq meta ntavolat ir-rikors ojdern fi zmien ta' madwar seba' xhur mill-mewt ta' Francesco Buhagiar u fi zmien ftit gimghat biss wara l-

interpellazzjoni permezz ta' ittra ufficcjali lill-eredi li mill-anqas tnejn minnhom kienu jirrisjedu l-Awstralja.

Jirrizulta fuq kollox li l-istess rikorrenti hadet iz-zmien taghha, bhalma wkoll ghamlu l-intimati, sabiex tirrinunzja hi wkoll ghall-eredita' ta' Francesco Buhagiar u dan ghamlitu fil-25 ta' Gunju, 2008 u cioe' aktar minn sena wara li ntavolat il-kawza odjerna u wara li giet intavolata fil-konfront taghha l-kawza bin-numru 10/2008.

**Decizjoni**

In vista tas-suespost, il-Qorti tiddeciedi l-kap tal-ispejjez billi fic-cirkustanzi hawn fuq deskritti, tiddikjara li r-rikorrenti ghandha tbati nofs l-ispejjez ta' dawn il-proceduri filwaqt li l-intimati ghandhom ibatu bejniethom u in solidum in-nofs l-iehor tal-ispejjez, b'dana li l-ispejjez tal-kuratur deputat l-Avukat Dottor Kevin Mompalao li gie nominat sabiex jirrapprezenta lill-eredita' ta' Francesco Buhagiar ghandhom jithallsu skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------